**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 1/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Joseph Ebejer**

**<u>Illum, 23 ta' Settembru 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **JOSEPH EBEJER** ta' sitta u sittin (66) sena, iben Alfred u Teodora neè Cassar, imwieled l-Awstralja nhar it-12 ta' Settembru 1956 u residenti ġewwa 176, Millennja, Triq San Pietru, Kirkop, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru **381875(M),** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**<u>L-EWWEL KAP</u>**

**<u>Il-fatti:-</u>**

Illi fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) il-Pulizija Eżekuttiva rċeviet rapport li għal ħabta tax-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel fl-Armier, Limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin l-akkużat **Joseph Ebejer** kien f'diversi okkażjonijiet għamel abbuż sesswali fuq diversi minuri.

Illi minħabba li l-akkużat **Joseph Ebejer** (magħruf bħala s-Sufu jew Joe) kien ikun l-Armier, limiti tal-Mellieħa, bil-kamper, huwa sar ħabib ta' Omissis 1 u tal-familja

tiegħu u ta' uliedu minuri Omissis 2(ta' seba' snin) u Omissis 3 (ta' tmien snin). Illi għalhekk, il-minuri u l-familji tagħhom kienu jqattaw ħin mal-akkużat meta kienu jkunu ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa.

Illi mill-investigazzjoni rriżulta li fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel, l-akkużat **Joseph Ebejer** f'diversi okkażjonijiet ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' ċerta Omissis 4 li dak iż-żmien kellha għaxar (10) snin. Illi fl-imsemmi perjodu tax-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel, l-minuri Omissis 4 kienet tkun qiegħdha tilgħab fil-baħar flimkien mal-kuġini tagħha Omissis 2 u Omissis 3, u l-akkużat **Joseph Ebejer**, u hemmhekk l-akkużat **Joseph Ebejer** kien ġieli jiġbidha minn saqajha u jaqbadha mill-parti privata tagħha. Illi meta l-akkużat **Joseph Ebejer** kien jagħmel hekk, huwa kien jibda jagħfasha u jmellisha fuq il-parti privata tagħha minn fuq il-malja.

Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel, Omissis 4 kienet tinsab fil-kamper tal-akkużat ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin hekk kif xtaqet torqod. L-akkużat **Joseph Ebejer** daħal warajha fil-kamper tiegħu, u telà s-sellum biex imur fis-sodda li kienet tinsab fuq is-sodda li kienet qiegħda fiha Omissis 4. L-akkużat niżel fis-sodda fejn kienet Omissis 4 u beda jmissha b'idu fuq il-ġilda tal-parti privata tagħha.

Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin l-akkużat **Joseph Ebejer** kien ħa mieghu lil Omissis 4 f'parti tal-baħar fejn ma kienux ilaħħqu sabiex imorru jaqbdu r-rizzi flimkien u meta huma kienu qiegħdin jagħmlu dan, l-akkużat **Joseph Ebejer** saqsa lil Omissis 4 sabiex tara jekk daħlitlux xewka ta' rizza taħt il-malja. Illi meta Omissis 4 niżlet tgħodos sabiex tara jekk l-akkużat kellux xewka, l-akkużat **Joseph Ebejer** niżżel il-malja tiegħu sal-punt li Omissis 4 rat il-parti privata tiegħu. Illi meta Omissis 4 telgħat u ppruvat tgħum lura l-akkużat **Joseph Ebejer** ġibidha minn saqajha, qabadha mill-parti privata tagħha u mellisha u għafasha fuq il-parti privata tagħha.

Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel, fl-ibħra ta' Malta, meta l-akkużat **Joseph Ebejer** kien jinsab fuq dgħajsa flimkien mal-familja ta' Omissis 4, l-akkużat daħħal idejh minn taħt il-malja ta' Omissis 4 u messha b'mod intimu.

Illi, dan ir-reat huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li ġie kommess fuq persuna vulnerabbli u cioe' fuq persuna ta' taħt il-ħmistax-il (15) sena, kif ukoll minħabba li l-akkużat **Joseph Ebejer** kien diġà ġie kkundannat għal reat sesswali, ossia reat taħt is-sub-titolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

Illi di piu, permezz ta' sentenza datata ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disa mija u disa' u disgħin (1999) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs **Joseph Ebejer**', u b'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-akkużat **Joseph Ebejer** kien nstab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u effetti kollha tal-Liġi.

Il-konsegwenzi:-

Illi għalhekk b'għemilu l-akkużat **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, sar ħati talli matul ix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa fil-Gżejjer Maltin, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' Omissis 4 ta' taħt is-sittax-il (16) sena, b'dan illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li sar fuq persuni vulnerabbli, u cioè persuna taħt il-ħmistax-il (15) sena, kif ukoll minħabba li l-akkużat **Joseph Ebejer** kien diġà ġie kkundannat għal reat ta' delitti sesswali,ossia reat taħt is-sub-titolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, di piu, per konsegwenza tar-reat surriferit, l-akkużat **Joseph Ebejer** irrenda ruħu reċediv.

L-akkuża:-

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, ħati talli fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' Omissis 4 ta' taħt is-sittax-il (16) sena b'dana li dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li sar fuq persuna ta' taht il-ħmistax-il (15) sena u dan meta diġà kien ġie kkundannat għal reat taħt is-sub-titolu fuq id-delitti sesswali, ossia reat taħt is-sub-titolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

Illi di piu u stante li permezz ta' sentenza datata ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u disa' u disgħin (1999) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs **Joseph Ebejer**', u b'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-akkużat **Joseph Ebejer** kien nstab ħati ta' reat/i kriminali. L-Avukat Ġenerali jakkuża ukoll lil **Joseph Ebejer** li rrenda ruħu reċidiv.

Il-piena mitluba:-

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa erbgħin (40) sena bir-reklużjoni, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 204Ċ(1), 208AĊ(1)(b)(f)(2)(a), 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jew għal kull piena oħra li tistà skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIENI KAP**

Il-fatti:-

Illi fil-kuntest tal-fatti,ċirkostanzi, żmien, u lok imsemmija fl-Ewwel Kap ta' l-att ta' akkuża u ċioè għal ħabta tax-xahar Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin f'diversi okkażjonijiet l-akkużat **Joseph Ebejer** (magħruf bħala s-Sufu jew Joe) b'ghemil żieni ikkorrompa persuni ta' taħt is-sittax-il (16) sena, u cioè Omissis 2 li dak iż-żmien kellha seba' (7) snin, Omissis 3 li dak iż-żmien kellha tmien (8) snin, lil Omissis 4 li dak iż-żmien kellha għaxar (10) snin, u lil Omissis 5 li dak iż-żmien kellha tnax-il (12) sena.

Illi fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin, meta l-minuri Omissis 4 kienet tkun qiegħda tilgħab fil-baħar flimkien mal-kuġini tagħha Omissis 3 u Omissis 2 u l-akkużat **Joseph Ebejer**, hemmhekk l-akkużat **Joseph Ebejer** kien jiġbidha minn saqajha u jaqbadha mill-parti privata tagħha. Illi meta l-akkużat **Joseph Ebejer** kien jagħmel hekk, huwa kien jibda jagħfasha u jmellisha fuq il-parti privata tagħha minn fuq il-malja u dan meta l-imsemmija minuri kienu f'dati lilu imqar jekk għal xi żmien.

Illi f'okkażżjoni oħra fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin, meta Omissis 4 kienet tinsab fil-kamper tal-akkużat hekk kif xtaqet torqod. L-akkużat **Joseph Ebejer** kien daħal warajha fil-kamper tiegħu u telà s-sellum biex imur fis-sodda li kienet tinsab fuq dik li kienet qiegħda fiha Omissis 4. L-akkużat **Joseph Ebejer** niżel fis-sodda fejn kienet Omissis 4 u beda jmissha b'idu fuq il-ġilda tal-parti privata tagħha.

Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin, l-akkużat **Joseph Ebejer** kien mar flimkien ma' Omissis 4 sabiex jaqbdu r-rizzi flimkien u meta huma kienu qiegħdin jagħmlu dan, l-akkużat **Joseph Ebejer** saqsa lil Omissis 4 sabiex tara jekk daħlitlux xewka ta' rizza taħt il-malja. Illi meta Omissis 4 niżlet tgħodos sabiex tara jekk l-akkużat kellux xewka, l-akkużat niżżel il-malja tiegħu sal-punt li Omissis 4 rat

il-parti privata tiegħu. Illi meta Omissis 4 telgħat u ppruvat tgħum lura, l-akkużat **Joseph Ebejer** ġibidha minn saqajha, qabadha mill-parti privata tagħha u mellisha u għafasha fuq il-parti privata tagħha u dan meta l-imsemmija minuri kienu f'dati lilu, imqar jekk għal xi żmien.

Illi fl-istess perjodu fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin Omissis 3 u Omissis 2 kienu fil-kamper tal-akkużat jaraw it-televixin flimkien mal-akkużat **Joseph Ebejer**. Illi l-akkużat kien qiegħed jara it-televixin magħhom fis-sodda fejn kellu kutra biss fuqu. Illi fil-preżenza ta' Omissis 3 u Omissis 2 l-akkużat **Joseph Ebejer** beda jfittex ir-*remote* biex taparsi jagħmel użu minnha u filwaqt illi huwa kien qiegħed ifittex għolla l-kutra diversi drabi fejn espona l-parti privata tiegħu lill-imsemmija minorenni.

Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel, l-akkużat **Joseph Ebejer** kien jinsab fuq dgħajsa fl-ibħra ta' Malta flimkien mal-familja ta' Omissis 4, u hemmhekk l-akkużat daħħal idejh minn taħt il-malja ta' Omissis 4 u messha b'mod intimu.

Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin l-akkużat Josepb Ebejer ukoll kien ipprova idaħħal idu taħt il-flok tal-malja tal-minorenni Omissis 5.

Illi, dan ir-reat huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li sar bi ħsara ta' persuni li ma għalqux it-tnax-il (12) sena, u cioe' Omissis 2, Omissis 3 u Omissis 4, u li ġie kommess meta l-imsemmija minuri kienu f'dati lilu, imqar jekk għal xi żmien.

Illi di piu, permezz ta' sentenza datata ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u disa' u disgħin (1999) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs **Joseph Ebejer**', u b'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mogħtija fil-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-akkużat **Joseph**

**Ebejer** kien nstab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u effetti kollha tal-Ligi.

Il-konsegwenzi:-

Illi b'għemilu l-akkużat **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, sar ħati talli fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u x-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa ġewwa l-Gżejjer Maltin, b'għemil żieni kkorrompa persuni ta' taht is-sittax-il (16) sena, u cioe' lil Omissis 2, Omissis 3, Omissis 4 u Omissis 5, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li sar bi ħsara ta' persuni li ma għalqux l-età ta' tnax-il (12) sena u li ġie kommess meta l-imsemmija minuri kienu f'dati lilu, imqar jekk għal xi żmien.

Illi, di piu, per konsegwenza tar-reat surriferit, l-akkużat **Joseph Ebejer** irrenda ruhu reċediv.

L-akkuża:-

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha,' lok, żmien, u fatti hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi akkuzat **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, ħati talli għal ħabta tax-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, ġewwa l-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'għemil żieni kkorrompa persuni ta' taħt is-sittax (16) -il sena, u cioe' lil Omissis 2, Omissis 3, Omissis 4 u Omissis 5, b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li sar bi ħsara ta' persuni li m'ghalqux l-eta ta' tnax-il (12) sena u li ġie kommess meta l-imsemmija minuri kienu f'dati lilu, imqar jekk għal xi żmien.

Illi di piu u stante li permezz ta' sentenza datata ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u disa' u disgħin (1999) fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Ebejer**', u b'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-akkużat **Joseph Ebejer** kien nstab ħati ta' reat/i kriminali. L-Avukat Ġenerali jakkuża ukoll lil **Joseph Ebejer** li rrenda ruħu reċidiv.

Il-piena mitluba:-

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa erbgħin (40) sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 203(1)(a)(ċ) 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jew għal kull piena oħra li tistà skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIELET KAP**

Il-fatti:-

Illi fil-kuntest tal-fatti,ċirkostanzi, żmien, u lok imsemmija fl-Ewwel Kap ta' l-att ta' akkuża u ċioè fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin f'diversi okkażżjonijiet l-akkużat **Joseph Ebejer** (magħruf bħala s-Sufu jew Joe) għamel atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fihom infushom, ma jkunux jikkostitwixxu wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat ta' delitt sesswali ieħor.

Illi fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin, meta l-minuri Omissis 4 kienet tkun qiegħda tilgħab fil-baħar flimkien mal-kuġini (u cioe' Omissis 3 u Omissis 2) u l-akkużat **Joseph Ebejer**, hemmhekk l-akkużat **Joseph Ebejer** kien jiġbidha minn saqajha u jaqbadha mill-parti privata tagħha. Illi meta l-akkużat **Joseph Ebejer** kien jagħmel hekk, huwa kien jibda jagħfasha u jmellisha fuq il-parti privata tagħha minn fuq il-malja.

Illi f'okkażjoni oħra fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin, meta Omissis 4 kienet tinsab fil-kamper tal-akkużat hekk kif xtaqet torqod. L-akkużat **Joseph Ebejer** kien daħal warajha fil-kamper tiegħu u telà s-sellum biex imur fis-sodda li kienet tinsab fuq dik li kienet qiegħda fiha Omissis 4. L-akkużat **Joseph Ebejer** niżel fis-sodda fejn kienet Omissis 4 u beda jmissha b'idu fuq il-ġilda tal-parti privata tagħha.

Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin l-akkużat **Joseph Ebejer** kien mar flimkien ma' Omissis 4 sabiex jaqbdu r-rizzi flimkien u meta huma kienu qiegħdin jagħmlu dan, l-akkużat **Joseph Ebejer** saqsa lil Omissis 4 sabiex tara jekk daħlitlux xewka ta' rizza taħt il-malja. Illi meta Omissis 4 niżlet tgħodos sabiex tara jekk l-akkużat kellux xewka, l-akkużat niżżel il-malja tiegħu sal-punt li Omissis 4 rat il-parti privata tiegħu. Illi meta Omissis 4 telgħat u ppruvat tgħum lura, l-akkużat **Joseph Ebejer** ġibidha minn saqajha, qabadha mill-parti privata tagħha u mellisha u għafasha fuq il-parti privata tagħha.

Illi darb' oħra fl-istess perjodu fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin, minnhom Omissis 3 u Omissis 2 kienu fil-kamper tal-akkużat jaraw it-televixin flimkien mal-akkużat **Joseph Ebejer**. Illi l-akkużat kien qiegħed jara it-televixin magħhom fis-sodda fejn kellu kutra biss fuqu. Illi fil-preżenza ta' Omissis 3 u Omissis 2 l-akkużat **Joseph Ebejer** beda jfittex ir-*remote* biex taparsi jagħmel użu minnha u filwaqt illi huwa kien qiegħed ifittex għolla l-kutra diversi drabi fejn espona l-parti privata tiegħu lill-imsemmija minorenni.

Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel, fl-ibħra ta' Malta, l-akkużat **Joseph Ebejer** kien jinsab fuq dgħajsa flimkien mal-familja ta' Omissis 4, u hemmhekk l-akkużat daħħal idejh minn taħt il-malja ta' Omissis 4 u messha b'mod intimu.

Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin l-akkużat Josepb Ebejer ukoll kien ipprova idaħħal idu taħt il-flok tal-malja tal-minorenni Omissis 5.

Illi dawn il-fatti u ċirkostanzi kollha saru mingħajr il-kunsens tal-minuri Omissis 5, Omissis 4, Omissis 3 u Omissis 2. Illi, dan ir-reat huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li sar fuq persuni vurnerabbli, u cioè persuna taħt il-ħmistax-il (15) sena, l-akkużat **Joseph Ebejer** kien diġà ġie kkundannat għal reat ta' delitti sesswali,ossia reat taħt is-sub-titolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll minħabba li sar quddiem minuri.

Illi di piu, permezz ta' sentenza datata ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disa mija u disa' u disgħin (1999) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs **Joseph Ebejer**', u b'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-akkużat **Joseph Ebejer** kien nstab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u effetti kollha tal-Liġi.

<u>Il-konsegwenzi:-</u>

Illi b'għemilu l-imsemmi **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, sar ħati talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq Omissis 2, Omissis 3, Omissis 4 u Omissis 5 u li fih innifsu ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti imsemmija fl-artikolu ta' qabel b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li sar fuq persuni vurnerabbli, u ċioè persuni ta' taħt il-ħmistax-il (15) sena, l-akkużat **Joseph Ebejer** kien diġà ġie kkundannat għal reat ta' delitti sesswali,ossia reat taħt is-sub-titolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll minħabba li d-delitt sar quddiem minuri.

Illi, di plu, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat **Joseph Ebejer** irrenda ruhu reċidiv.

<u>L-akkuża:-</u>

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha, żmien, lok u fatti hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, li sar ħati talli għal fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda billi ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq Omissis 2, Omissis 3, Omissis 4 u Omissis 5 u li fih innifsu ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti imsemmija fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 207 fis-sub-titolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li sar fuq persuni vulnerabbli, u ċioè persuni ta' taħt il-ħmistax-il (15) sena, l-akkużat **Joseph Ebejer** kien diġà ġie kkundannat għal reat ta' delitti sesswali, kif ukoll minħabba li d-delitt sar quddiem minuri.

Illi di piu u stante li permezz ta' sentenza datata ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u disa' u disgħin (1999) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs **Joseph Ebejer**', u b'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-akkużat **Joseph Ebejer** kien nstab ħati ta' reat/i kriminali. L-Avukat Ġenerali jakkuża ukoll lil **Joseph Ebejer** li rrenda ruħu reċidiv.

<u>Il-piena mitluba:-</u>

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa tletin (30) sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 207, 202(j)(k)(n), 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodiċi

Kriminali jew għal kull piena oħra li tistà skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IR-RABA' KAP**

Il-fatti:-

Illi fil-kuntest tal-fatti,ċirkostanzi, żmien, u lok imsemmija fl-Ewwel Kap ta' l-att ta' akkuża u ċioè fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, ġewwa l-Gżejjer Maltin f'diversi okkażżjonijiet l-akkużat **Joseph Ebejer** (magħruf bħala s-Sufu jew Joe) offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

Illi fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin l-akkużat **Joseph Ebejer** kien mar flimkien ma' Omissis 4 sabiex jaqbdu r-rizzi flimkien u meta huma kienu qiegħdin jagħmlu dan, l-akkużat **Joseph Ebejer** saqsa lil Omissis 4 sabiex tara jekk daħlitlux xewka ta' rizza taħt il-malja. Illi meta Omissis 4 niżlet tgħodos sabiex tara jekk l-akkużat kellux xewka, l-akkużat niżżel il-malja tiegħu sal-punt li Omissis 4 rat il-parti privata tiegħu. Illi meta Omissis 4 telgħat u ppruvat tgħum lura, l-akkużat **Joseph Ebejer** ġibidha minn saqajha, qabadha mill-parti privata tagħha u mellisha u għafasha fuq il-parti privata tagħha.
Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin, meta l-minuri Omissis 4 kienet tkun qiegħda tilgħab fil-baħar flimkien mal-kuġini (u cioe' Omissis 3 u Omissis 2) u l-akkużat **Joseph Ebejer**, hemmhekk l-akkużat **Joseph Ebejer** kien jiġbidha minn saqajha u jaqbadha mill-parti privata tagħha. Illi meta l-akkużat **Joseph Ebejer** kien jagħmel hekk, huwa kien jibda jagħfasha u jmellisha fuq il-parti privata tagħha minn fuq il-malja.

Illi wkoll fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-Gżejjer Maltin l-akkużat Joseph Ebejer

ukoll kien ipprova idaħħal idu taħt il-flok tal-malja tal-minorenni Omissis 5 huma u telgħin mill-baħar.

Illi di piu, permezz ta' sentenza datata ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disa mija u disa' u disghin (1999) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs **Joseph Ebejer**', u b'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-akkużat **Joseph Ebejer** kien nstab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u effetti kollha tal-Ligi.

<u>Il-konsegwenzi:-</u>

Illi b'għemilu l-imsemmi **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, sar ħati sar ħati talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda billi fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, ġewwa l-Gżejjer Maltin, offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

Illi, di piu, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat **Joseph Ebejer** irrenda ruhu recidiv.

<u>L-akkuża:-</u>

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok u żmien hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, ħati talli fix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur ta' qabel fl-Armier, Limiti tal-Mellieħa, ġewwa l-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

Illi di piu u stante li permezz ta' sentenza datata hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disa mija u disa' u disgħin (1999) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs **Joseph Ebejer**', u b'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-akkużat **Joseph Ebejer** kien nstab ħati ta' reat/i kriminali. L-Avukat Ġenerali jakkuża ukoll lil **Joseph Ebejer** li rrenda ruħu reċidiv.

Il-piena mitluba:-

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Joseph Ebejer**, reċediv f'delitt, u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn sena (1) priġunerija u multa ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 11, 17, 18, 31, 49, 50, 209, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jew għal kull piena oħra li tistà skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ta' Joseph Ebejer, ppreżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Frar, 2023:

1. Illi n-nullita tal-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża stante illi l-fatti kif esposti ma jikkonstitwux l-elementi tar-reat ravvizat fl-Artikolu 204C tal-Kap 9 u miġjub fil-konfront tal-esponent fl-imsemmi Kap.

2. Illi fit-tieni lok, in-nullita tat-tieni Kap tal-Att tal-Akkuża stante l-fatti kif esposti ma jikkostitwux l-elementi tar-reat ravvizat fl-Artiklu 203(1)(a) tal-Kap 9 in kwantu dan ir-reat miġjub f'dan il-Kap qed jirreferi u jikkonċerna lil Omissis 2 u Omissis 3.

3. Illi, fit-tielet lok, in-nullita tat-tielet Kap tal-Att tal-Akkuża stante li l-fatti kif esposti ma jikkostitwux l-elementi tar-reat ravvizat fl-Artiklu 207 tal-Kap 9 in

kwantu dan ir-reat miġjub f'dan il-Kap qed jirreferi u jikkonċerna lil Omissis 2 u Omissis 3.

4. Illi mingħajr preġudizzju għat-tielet aggravju, fejn fit-tielet Kap tal-Att tal-Akkuża qed issir referenza għall-żidiet fil-piena kontemplati fl-Artikolu 202 tal-Kap 9 talli menzjonament fil-fatti kif esposti u għalhekk, konsegwentament iż-żiedit mitlubin fil-piena huma napplikabbli stante illi dawk l-aggravji ma japplikawx għar-reat miġjub kontra l-eċċipjent fit-tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat in-nota risponsiva tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-31 ta' Mejju, 2024.

Rat illi nhar it-3 ta' Gunju, 2024 l-akkużat permezz tal-Avukat Difensur tiegħu rtira r-raba' eċċezzjoni preliminari.

Semgħet il-partijiet jitrattaw fl-istess seduta datata nhar it-3 ta' Ġunju, 2024.

Ikkunsidrat,

Illi primarjament din il-Qorti tgħid illi minkejja li ma ġiex speċifikat, jidher illi l-ewwel tlett eċċezzjonijiet huma msejsin fuq l-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta u li jipprovdi hekk:

> *'(5) L-inkompetenza tal-Qorti u n-nullità tal-att tal-akkuża jistgħu jinġiebu wkoll 'il quddiem mill-Qorti ex officio, sew qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-akkuża kemm wara l-verdett tal-ġuri: Iżda, wara l-verdett tal-ġuri, l-att tal-akkuża ma jistax jiġi annullat ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:*
>
> *(a) **meta r-reat fl-att ta' akkuża ma jkunx miġjub jew deskritt, fis-sustanza, bħal ma hu miġjub jew deskritt fil-liġi;***

***(b)*** ***meta l-fatt miġjub fl-att tal-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att'***

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**[1] fejn fuq dan il-punt il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*'9. Issa, biex tirnexxi eċċezzjoni bħal din jeħtieġ li jirriżulta li l-fatti kif deskritti fl-Att ta' Akkuża jew fil-Kap ta' l-Att ta' Akkuża li jkun qed jiġi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jiġi addebitat l-akkużat f'dak l-att jew f'dak il-Kap (ara Appelli Kriminali* ***Ir-Republika ta' Malta v. Aibrahim Bashir Ben Matue****, 15 ta' Frar 1996;* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Gatt et****, 22 ta' Mejju 2003;* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici****, 22 ta'April 2004). F'dawk is-sentenzi ġiet ċitata ġurisprudenza kopjuża ħafna fejn intqal ukoll li fl-eżami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mal-parti akkużatorja, il-Qorti trid toqgħod fuq il-fatti kif miġjuba fl-Att ta' Akkuża u mhux fuq il-fatti kif jistgħu jirriżultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistgħu jirriżultaw fil-kors tal-ġuri.*

*10. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Frederick Joseph Grech*** *mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fit-28 ta' Diċembru 2009 intqal dwar l-imsemmi paragrafu (b) tal-proviso tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 449:*

***"Jibda biex jingħad li l-paragrafu (b) aktar 'l fuq imsemmi jitkellem dwar li l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi "fis-sustanza"***

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar it-2 ta' Mejju, 2013.

*ir-reat li jkun ġie addebitat lill-akkużat, u għalhekk jekk dak il-fatt "fis-sustanza" – u mhux neċessarjament bl-użu ta' kliem preċiżi jew sagramentali – jammonta għar-reat dedott, ma jkun hemm ebda nullita` tal-Att ta' Akkuża (jew ta' xi kap partikolari tiegħu skond il-każ). L-iskop kemm ta' din id-disposizzjoni kif ukoll tal-paragrafu (a) tal-istess proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li minn banda l-akkużat ikun jaf sew biex qed jiġi akkużat u għalhekk għal x'hiex irid jiddefendi ruħu, u, fit-tieni lok, li persuna, wara l-verdett tal-ġurati – verdett li, fir-realta`, huwa dikjarazzjoni li ċerti fatti avveraw ruħhom – ma tiġix ikkundannata għal fatt li ma jammontax għal reat."*[2]

Għaldaqstant, kif ingħad *supra*, l-iskop tas-sub-inċiżi (a) u (b) tal-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li l-akkużat ikun jaf biex qed jiġi akkużat sabiex ikun jista' jibni d-difiża tiegħu u li wara l-verdett tal-ġurati li, fil-verita', hija dikjarazzjoni li ċerti fatti saru, ma jiġix ikkundat għal fatt li ma jammontax għal reat.

Illi permezz **tal-ewwel eċċezzjoni preliminari** tiegħu, l-akkużat Joseph Ebejer qed jisħaq dwar in-nullita' tal-ewwel Kap tal-Att t'Akkuża stante illi l-fatti kif esposti ma jikkostitwux l-elementi tar-reat ravvizat fl-Artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti f'dan l-istadju mhux ser tippronunzja ruħha dwar jekk l-akkużat għandux jinstab ħati taħt l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża *o meno* stante li din hija xi ħaġa li trid tiġi deċiża fl-istadju tal-ġuri. Għaldaqstant f'dan il-punt l-unika ħaġa li trid tagħmel il-Qorti hija li tara jekk il-fatti kif esposti fl-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża jikkostitwux l-elementi tar-reat ravvizat fl-Artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-akkużat jgħid sabiex ir-reat kif ravvizat fl-Artikolu 204C jirriżulta jeħtieġ li jkun hemm il-kunsens tal-allegat vittma u għalhekk l-allegat l-elementi kif deskritti taħt l-

[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

ewwel Kap tal-Att t'Akkuża iktar jikkostitwixxu l-elementi tar-reat hekk kif provdut taħt l-Artikolu 204D(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi dwar l-Artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti kif ippreseduta, kienet daħlet fil-fond fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis**[3] fejn saħansitra anke kitbet dwar kif ġie ntrodott dan l-Artikolu fil-liġi tagħna:

> *'Il-Qorti tissottolinea li r-reat kontemplat taħt l-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali, huwa dak previst fil-ħames kap. tal-akkuża. L-artikolu 204C ġie introdott bl-Att XXXI tal-2007, liema Att ġie introdott fil-31 ta' Diċembru 2007 liema Att daħal fis-seħħ bl-Avviż Legali 10 tal-2008, datat 15 ta' Jannar 2008.*
>
> *Dak iż-żmien, l-artikolu 204C kien jaqra hekk:*
>
> *"Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, bir-reklużjoni jew mingħajrha".*
>
> *Dan kollu qed jingħad ukoll fid-dawl tad-dibattiti Parlamentari li wasslu għall-introduzzjoni tal-Artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali. Mill-istess dibattiti jirriżulta li l-għan tal-artikolu 204C kien li jagħlaq dik il-lacuna f'każijiet fejn l-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali ma japplikax u dan b'riżultat tan-nuqqas ta' element tal-korruzzjoni.*
>
> *Il-Qorti tagħmel referenza għad-dibattiti parlamentari[4] fejn l-Avukat Ġenerali ta' dak iż-żmien jgħid hekk:*
>
> *"Aħna rridu li persuna li jkollha attivita' sesswali ma' minuri diġa' totalment korrotta ma teħel xejn ħlief li f'dawk iċ-ċirkostanzi".*

[3] *Deciza nhar it-13 ta' Jannar, 2023.*
[4] *Laqgha Numru 118, 11 ta' Dicembru 2007*

*Fl-istess dibattiti jiġi spjegat kif l-applikazzjoni tal-Artikolu 204C huwa limitat u għandu jiġi moqri biss in konnessjoni mas-subinċiż (2). Issa huwa vera li minn qari tat-test tal-liġi, anke dak tal-Att XXXI tal-2007, jidher li s-subinċiż (2) huwa aggravju għall-ewwel subinciz. Madankollu, il-Qorti tirrileva li l-intenzjoni tal-leġislatur għandha dejjem tipprevali f'dik li hija interpretazzjoni tal-liġi. Dan aktar u aktar fl-isfond li, mingħajr is-subinċiż tnejn, l-Artikolu 204C jidher li huwa dak li l-Qrati tagħna jsejjhulu technical offence jew strict liability offence, peress li jidher li m'hemmx ħtieġa tal-element tal-intenzjoni kriminuża, iżda huwa suffiċjenti li jkun hemm l-att biss.*

*Permezz tal-Att numru IV tal-2014 il-piena għall-imsemmi artikolu 204C ġie miżjud għal "mhux iżjed minn ħames snin".* ***Wara l-emendi permezz tal-Att XIII datat 30 t' April,2018 u għalhekk applikabli għall-każ in deżamina, dan l-artikolu u cioe' 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie jaqra hekk:***

***'Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta'priġunerija minn ħames snin sa għaxar snin.'***
***Il-liġi titkellem dwar parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali u cioe' li l-akkużat ikun ipparteċipa, għalhekk l-akkużat jeħtieġ li jkollu rwol attiv sabiex dan ir-reat jissussisti.***

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs. Raisa Mangion'***[5] *ġie kkunsidrat li:*

***'Il-liġi ma tagħtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa magħruf li dawn l-atti jrid ikollhom bħala***

*[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-23 ta' Lulju, 2014 (1081/2013)*

***minimu ċertu element ta' sess sabiex l-atti jissejħu attivitajiet sesswali u għalhekk m'hemmx dubju li għandu jkun hemm l-użu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni. Għalhekk mhux kwalsiasi att bejn żewġ minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bħal per eżempju tgħanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali.'***

*Din il-Qorti sejra tagħmel referenza għal-laqgħa tal-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) tal-Kumitat Permanenti għall-Kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi meta kienet qiegħda tiġi diskussa iż-żieda tal-Artikolu 204C fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fost diskussjonijiet oħra dak iż-żmien l-Onorevoli Tonio Borg qal*

*' It-204C tgħid hekk: "Participation in sexual activities with persons under age.".*

*Dawn huma rikjesti sabiex inkunu nistgħu nirratifikaw il-protokoll mhux obbligatorju tal-konvenzjoni tal-United Nations fuq id-drittijiet tat-tfal, il–bejgħ ta' tfal, il-kustodja tat-tfal u l-pornografija tat-tfal kif ukoll il-framework decision ta' l-2003 ta' l-Unjoni Ewropea dwar sexual exploitation of children and child pornography. Hawnhekk kienet tqajjmet kwestjoni fuq sexual activity x'inhi. Jiena fittixt il-convention u nista' ngħid li m'hemmx definizzjoni. L-unika ħaġa meta tfittex il-convention, is-sexual activity pjuttost tintuża bħala l-aggravju. Jiena* ***qed ngħid dan għax aħna diġa' għandna r-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni. Allura issa x'se jiġri? Se ntellgħuh taħt it-204C? Meta qed ngħid sexual activity qed ngħid li llum korruzzjoni ta' minorenni teżisti wkoll – id-defilement of minors – anke jekk turi oġġett pornografiku lil xi ħadd taħt l-eta' u anke jekk m'hemmx kuntatt fiżiku. Dak huwa korruzzjoni ta' minorenni. Issa hawn sexual activity hija iktar restrittiva***

***minn defilement għax ma naħsibx li turi oġġett pornografiku huwa sexual activity.***

*Forsi l-avukat ġenerali jista' jintervjeni bil-permess tal-Kamra.*

*ONOR. GAVIN GULIA: Qabel jintervjeni. Jiena dan il-punt kont semmejtu għax peress li 204C fejn issemmi l-attivitajiet sesswali ġġorr magħha piena li hija inqas mill-pieni li qegħdin iġorru reati aktar speċifiċi li ma jmorrux ....(Interruzzjonijiet) Id-difiża tipprova tagħmel mezz li l-att li qed jiġi sindakat jiġi jaqa' taħt l-attivitajiet sesswali biex jiksbu piena inqas gravuża mill-pieni stabiliti fuq reati aktar speċifiċi. Qed ngħid dan li ma jmurx inkunu qegħdin nagħmlu xi ħaġa li flok inkunu qegħdin niġġieldu aktar il-kriminalita' f'dan il-qasam inkunu qed indgħajfu. Qed inqajjem dan il-punt għax il-kelma "attivitajiet sesswali" hija xi ftit jew wisq wiesa'.*

*THE CHAIRMAN: L-Avukat Ġenerali.*

*DR. SILVIO CAMILLERI (Avukat Ġenerali): M'għandix dubji li d-diffikultajiet li qed jissemmew huma diffikultajiet reali li anke mill-uffiċċju tiegħi ppreokkupawna ftit sakemm ġejna biex niddeċiedu x'forma għandna nagħtu lil dawn l-emendi. Pero` finalment, per eżempju, jekk tieħu l-korruzzjoni ta' minuri, illum l-iktar ġurisprudenza riċenti li konstantament qed tiġi segwita hi fis- sens li mhux neċessarjament li jkollok attivita' sesswali ma' minuri. L-aktar ġurisprudenza riċenti tgħid li jekk il-minuri kienet diġa' assolutament korrotta, allura m'hemmx ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri. B'dan ir-reat anke jekk hija assolutament korrotta allura għandu jirriżulta dan ir-reat. Mela jista' assolutament ma jirriżultalix ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri għaliex il-minuri kienet diġa' korrotta. Pero' jekk jirriżultalha li kien hemm l-elementi ta' dan ir-reat fis-sens ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali fuq persuna taħt l-eta', dak ir-reat*

*jista' jirriżulta dan flok l-ieħor.* ***Jiġifieri m'humiex preċiżament koinċidenti fl-elementi tagħhom***.

*Fi kwalunkwe każ imbagħad japplikaw xorta waħda l-prinċipji legali dwar l-assorbiment tar-reati u konkors formali ta' reati, japplika ukoll l-artiklu 17 tal-Kodiċi Kriminali jekk ikollok akkumulu ta' ħtijiet ta' reati differenti fl-istess akkuża allura hija rregolata l-piena li tingħata. Jiġifieri dawk il-prinċipji, dawk ir-regoli xorta jibqgħu applikabbli.*

*Aħna dehrilna li veru kellna nagħmlu daqsxejn akkurat biex niddeċiedu jekk għandniex bżonn dawn ir-reati speċifiċi u eventwalment dehrilna li iva għad hemm lok li jkun hemm dawn ir-reati speċifiċi kif hawn hawnhekk definiti. Anke għall-istess sena koperti biżżejjed is-sitwazzjoni mbagħad bir-regoli l-oħra dwar il-konkors formali ta' reati u l-assorbiment tal-pieni.'*

*Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs OMISSIS'***[6] *fejn l-Ewwel Qorti dwar l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qieset:*

*'Illi permezz tat-tieni mputazzjoni l-imputat jinsab akkużat talli pparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta biċ-ċirkostanzi aggravanti. Dan ir- reat kontemplat fl-Artiklu 204C(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie ntrodott fis- sistema legali tagħna bl-Att XXXI tas-sena 2007 kif sussegwentement emendat bl- Att IV tas-sena 2014 u bl-Att XIII tas-sena 2018 u jikkontempla:*

*204Ċ. (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax- il sena jehel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa għaxar snin.*

[6] *Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar, 2019.*

…..

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs Omissis</u>**" deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2018 ikkunsidrat is-segwenti atti bħala atti li jaqgħu taħt it-terminu 'attivita sesswali':-*

*Għalhekk jirriżultaw it-tlett elementi sabiex jirnexxi r-reat stipulat taħt l-artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma li l-persuna tkun taħt l-eta' (Għalkemm fl- att ta' akkuża jindika lill-minuri li għandha tlettax-il sena irriżulta li hija kellha erbatax-il sena) tajjeb li jingħad li llum il-ġurnata l-artikolu 203 tal- Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal persuni 'taħt is-sittax-il sena', l-eghmil żieni tant li l-minuri ħadet pjacir u t-tielet element l-att tal-korruzzjoni, f' dan il-każ kif deskritt mill-minuri kkonsista f' tmesmis tal-partijiet privati ossia s-sider u l- vaġina, l-intromissjoni tas-subgħajh ġewwa l-vagina tal-minuri u l-eġakulazzjoni barra u fil- preżenza tal-minuri. Liema atti jikkonsistu **<u>f'parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali kif jistipula l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.</u>***

*li fil-każ in dizamina ma hemmx dubju li l-atti li sehhew bejn l-imputat u l- minuri jikkonsistu f' attivita' sesswali għaliex waqt il-massaġġi kien ikun hemm ukoll massaġġi tal-organi sesswali kemm tal-imputat kif ukoll tal-minuri u għalkemm il-minuri spjegat li qatt ma kien hemm penetrazzjoni l-imputat kien imiss il-parti ġenitali tiegħu ma' tagħha u kien ikun hemm ukoll atti ta' masturbazzjoni. L-imputat sejjer għalhekk jinstab ħati anki tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil- konfronti tiegħu.'*

Illi l-elementi tar-reat hekk kif ravvizat fl-Artikolu 204C huma li jkun hemm **<u>parteċipazzjoni ta' attivitajiet sesswali ma' persuna/i ta' taħt is-sittax (16) -il sena</u>**. Kif ġie ritenut fis-sentenzi suċitati, il-liġi tagħna ma tatix definizzjoni t' attivita' sesswali, madankollu l-ġurisprudenza tagħna mhux l-ewwel darba li ppronunzjat ruħha dwar jekk att jistax jitqies li huwa ta' natura sesswali *o meno*.

Illi jirriżulta mill-ewwel Kap tal-Att t'Akkuża illi l-minuri Omissis 4 kienet minorenni u ċertu atti li allegatament saru mill-akkużat fuq l-istess minorenni, kienu jikkonsistu fi tbabis minnu fuq il-parti privata tal-minorenni. Dawn l-atti, anke meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni s-sentenzi suċitati, fil-fhema ta' din il-Qorti huma ekwivalenti għall-atti sesswali. Di piu' l-akkużat permezz tal-avukat tiegħu jargumenta illi sabiex jirriżultaw l-elementi kif kontemplati fl-Artikolu 204C jeħtieġ li jkun hemm il-kunsens da parti tal-vittma. Madankollu din il-Qorti ma taqbilx u tagħmel referenza għas-subinċiżi 2(a) u 3 tal-Artikolu 204C li jgħidu hekk:

> *"(2) Il-piena stabbilita għar-reat fis-subartikolu (1) għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
>
> *(a) jekk ir-reat isir fuq persuna ta' taħt is-sittax-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid;*
>
> *3) Meta l-għemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuż fiżiku u, jew psikoloġiku, il-piena għandha titnaqqas bi grad jew żewġ gradi."*

Illi l-liġi tispeċifika illi r-reat ikun wieħed aggravat jekk isir fuq persuna ta' taħt is-sittax-il sena bi sfurzar, fost aggravji oħrajn. In oltre, tgħid ukoll fis-sub-inċiż 3 li jekk l-għemil isir <u>bil-kunsens</u>, il-piena għandha tkun mitigata. Għaldaqstant, il-liġi tipprovdi b'mod ċar dwar l-element tal-'kunsens' u għalhekk dan ir-reat jista'

jirriżulta kemm bil-kunsens tal-vittma u anke mingħajru. Għal dawn ir-raġunijiet kollha suċitati, din il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-akkużat.

Permezz **tat-tieni eċċezzjoni** tiegħu, l-akkuzżt qed jeċepixxi n-nullita' tat-tieni Kap tal-Att tal-Akkuża stante l-fatti kif esposti ma jikkostitwux l-elementi tar-reat ravvizat fl-Artikolu 203(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu dan ir-reat qed jirreferi u qed jikkonċerna lill-Omissis 2 u Omissis 3.

L-Artikolu 203(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi s-segwenti:

> *"203. (1) Kull min, b'għemil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erbgħa sa tmien snin: Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija minn sitta sa tnax-il sena, fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
>
> *(a) jekk id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena jew bi vjolenza, kemm dik fiżika, kif ukoll dik psikoloġika;"*

Għaldaqstant, l-elementi neċessarji sabiex jirriżulta dan ir-reat bl-aggravju hekk kif stipulat *supra,* huwa **l-għemil żieni** da parte l-akkużat **li jikkorrompi minuri**, f'dan il-każ lil Omissis 2 u Omissis 3, u li dawn kellhom eta' **taħt it-tnax-il sena** jew bi vjolenza kemm fiżika kif ukoll psikoloġika. Illi fil-każ odjern, jirriżulta mill-atti illi kemm Omissis 3 kif ukoll Omissis 2, meta sar dan l-allegat reat kellhom inqas minn tnax-il sena u cioe' kellhom biss tmien u seba' snin rispettivament.[7]

Illi in kwantu jirrigwarda dan ir-reat il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Thomas**

[7] Fol. 54 u 55 tal-atti proceswali.

**Wiffen**[8] dwar l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u cioe' s-segwenti:

> *"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the **lewd act ("atto di libidine")** and **the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question.**[9] **Francesco Carfora**, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":*
>
> ***"Atti di libidine" debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p.967).***

[8] Deciza nhar it-8 ta' Jannar 1996.

[9] Enfasi ta' din il-Qorti.

*Lewd acts are therefore all those acts "__diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza"__ (Manzini, V., op. cit., p. 359).* ***__The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."__***

In oltre, l-istess Qorti fis-sentenza suċitata kompliet illi spjegat is-segwenti fuq il-korruzzjoni tal-minorenni:

*"**__As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts.__** Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now,* ***__whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:__***

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226)*

*[..] In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*[10]

Illi min-narrattiva tat-tieni Kap tal-Att t'Akkuża jirriżulta illi l-minuri Omissis 2 u Omissis 3 għall-habta ta' Settembru, 2019 jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Armier, kienu fil-kamper tal-akkużat jaraw t-televixin flimkien mal-istess akkużat. Dan tal-aħħar kellu biss kutra fuqu u beda jfittex ir-remote u għolla l-kutra diversi drabi u espona l-parti privata tiegħu lill-imsemmija minorenni billi ma kienx liebes qalziet ta' taħt. Illi in oltre, l-akkużat qed jgħid illi dan il-Kap tal-Att t'Akkuża huwa null stante l-fatti kif esposti ma jikkostitwux -elementi tar-reat ravvizat. Din il-Qorti f'dan l-istadju mhux qegħda hawn sabiex tiddetermina jekk fil-każ odjern jirriżultax ir-reat *o meno*. F'dan il-punt kull ma trid tiddeċiedi din il-Qorti jekk l-fatti kif esposti fit-tieni Kap tal-Att t' Akkuża jikkostitwux l-elementi tar-reat fl-Artikolu 203(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Illi kif diġa ġie ritenut, kemm Omissis 2 u kemm Omissis 3 kienu minuri, u cioe' taħt l-eta' ta' tnax-il sena u l-att li l-akkużat għamel fil-preżenza ta'dawn il-

[10] Enfasi ta'din il-Qorti.

minuri, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jammonta għal għemil żieni. In oltre, stante li dan l-għemil żieni u cioe' li l-akkużat skond in-narrattiva tal-Avukat Ġenerali kixef il-parti privata tiegħu u esponiha għall-minuri għaliex ma kienx liebes qalziet ta' taħt u għolla l-kutra diversi drabi, jista' jġib lezjoni fl-integrita' morali tal-minuri allura din il-Qorti hija tal-fehma illi kien hemm ukoll il-korruzzjoni tal-minorenni. Għaldaqstant, stante li l-fatti kif esposti jikkostitwixxu l-elementi tar-reat suċitat, din il-Qorti tgħid illi l-akkużat ma għandux raġun fit-tieni eċċezzjoni preliminari minnu mressqa u għalhekk din għandha tiġi respinta.

Permezz **tat-tielet eċċezzjoni** tiegħu, l-akkużat qed jeċepixxi n-nullita' tat-tielet Kap tal-Att tal-Akkuża stante l-fatti kif esposti ma jikkostitwux l-elementi tar-reat ravvizat fl-Artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu dan ir-reat qed jirreferi u qed jikkonċerna lill-Omissis 2 u Omissis 3.

Illi l-Artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi s-segwenti:

> *"207. Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa seba' snin:*
>
> *Iżda fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tiżdied bi grad."*

Illi fir-rigward t'atti ta' natura sesswali, a skans ta' ħafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li diġa' ġie ritenut fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari. Illi kif ben tajjeb spjegat mill-Avukat Ġenerali fin-nota risponsiva tagħha, huwa sta għal dak li jiġi msejjaħ biex jiġġudika sabiex jiddetermina l-atti sesswali mertu tal-proċeduri jkunux jikkostitwixxu xi reat hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 198 sa 206 tal-Kodiċi Kriminali. L-Artikolu 207 suċitat huwa bħala '*safety net*' sabiex f'każ li l-att ma jikkostitwixxix wieħed mid-delitti imsemmija qabel fl-istess sub-titolu, jirriżulta reat taħtu. Taħt it-tielet Kap tal-Att t'Akkuża, l-Avukat Ġenerali jerġa'

jsemmi l-episodju fejn l-akkużat espona l-parti privata tiegħu meta ma kienx liebes qalziet ta' taħt u beda jgħolli l-kutra meta qed jara t-televiżjoni mal-minuri . Din il-Qorti terġa tisħaq illi f'dan il-punt hija kull ma trid tiddeċiedi huwa jekk il-fatti kif esposti jikkostitwux l-elemeti tar-reat kif ravvizat fl-Artikolu 207 u dan fejn jikkonċerna lil Omissis 2 u Omissis 3. Ili in vista tas-suespost, it-tielet Kap jista' jkun alternattiv għat-tieni Kap u għalhekk kif diġa' ġie ritenut, din hija xi ħaġa li trid tiġi deċiża fl-istadju tal-ġuri u mhux issa. Għalhekk, għall-istess raġunijiet mogħtija fl-eċċezzjonjiet preċedenti, din il-Qorti qiegħda wkoll tiċħad din l-eċċezzjoni tal-akkużat.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet hekk kif mressqa mill-akkużat Joseph Ebejer u qegħda wkoll tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' eċċezzjoni preliminari billi din ġiet irtirata mill-istess akkużat fis-seduta tat-3 ta' Ġunju, 2024.

Il-Qorti għalhekk qed tiddifferixxi il-kawża sine die sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali u, f'każ li ma jsirx appell jew wara li tali appell jiġi deċiż, sabiex il-ġuri jiġi appuntat għas-smiegħ skond meta jmissu t-turn tiegħu skond il-liġi.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Maria Grech
Deputat Registratur